MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 164/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**Vs**

**King Kevin John**
**I.D. 44348A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Marzu, 2012 fejn is-socjeta' attrici qeghda titlob illi l-konvenut, ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u erbatax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (€1,114.89) in konnessjoni ma' 79533563 (*AC 51074302)* liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Gunju, 2010.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.
Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 4247/11.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-16 ta' Jannar, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u erbatax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (€1,114.89) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 4247/11 ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------